Australian Government

Services Australia



Australian Pension News

Ħarġa 51 Maltese

Bidliet fil-pagamenti tal-pensjoni Awstraljana mħallsin barra mill-Awstralja

Il-banek internazzjonali qed jintroduċu rekwiżiti addizzjonali għall-verifika tal-ħlas.

Dawn il-bidliet jaffettwaw kif inħallsu l-pensjoni Awstraljana tiegħek f'bank barra mill-Awstralja. Għandna bżonn nipprovdu lill-banek b'aktar informazzjoni qabel ma jkunu jistgħu jaċċettaw il-ħlas tiegħek, inkluż:

- l-indirizz tad-dar tiegħek kif irreġistrat mill-bank (mhux kaxxa postali)
- prova tal-identità tiegħek
- dettalji addizzjonali tal-kont bankarju.

M'għandek għalfejn tagħmel xejn ħlief jekk nikkuntattjawk aħna.

Jekk għandna bżonn aktar informazzjoni, aħna nikkuntattjawk u ngħidulek x'għandek bżonn tipprovdi.

Jekk għandek persuna nominata għall-ħlas, aħna nikkuntattjawhom jekk għandna bżonn aktar informazzjoni.

Il-ħlas tiegħek jista' jittardja jekk:

- m'għandniex l-informazzjoni li jeħtieġ il-bank tiegħek
- il-bank tiegħek qed ibiddel is-sistemi tagħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda
- il-bank tiegħek irrifjuta l-ħlas tiegħek.

Tista' tinnota wkoll bidla għal kif il-pagament tiegħek jidher fuq id-dikjarazzjoni bankarja tiegħek.

Din in-newsletter huwa disponibbli onlajn

Din in-newsletter tinsab ukoll fil-websajt tagħna, żur **servicesaustralia.gov.au/customer/publications/int001**

Żomm id-dettalji tal-kuntatt tiegħek aġġornati kemm magħna kif ukoll mal-bank tiegħek.

Huwa importanti li l-informazzjoni dwar il-kont bankarju li għandna taqbel mad-dettalji miżmuma mill-bank tiegħek. Dan jgħin biex jitnaqqas id-dewmien fil-ħlas.

Biex taġġorna d-dettalji tal-kont bankarju tiegħek magħna, imla l-formola tal-*International bank account* fuq **servicesaustralia.gov.au/aus178** jew ċempel wieħed min-numri internazzjonali tagħna.

> Għal aktar informazzjoni, żur **servicesaustralia.gov.au/aus178**

Is-Pension Supplement (Suppliment tal-Pensjoni) nbidel

Mill-20 ta' Settembru 2026, is-Pension Supplement inbidel għal persuni li jgħixu jew jivvjaġġaw barra mill-Awstralja.

Jekk tivvjaġġa barra l-Awstralja temporanjament, inti se żżomm is-Pension Supplement sħiħ sa 12-il ġimgħa. Wara 12-il ġimgħa, nieqfu nħallsu s-Pension Supplement.

Jekk titlaq mill-Awstralja biex tgħix barra, aħna se nieqfu nħallsu s-Pension Supplement hekk kif titlaq. Jekk kont tgħix barra mill-pajjiż fl-20 ta' Settembru 2026, is-Pension Supplement tiegħek diġà waqaf.

Din il-bidla taffettwa biss is-Pension Supplement. Jekk għadek eliġibbli, int se tkompli tirċievi l-ħlas ewlieni tiegħek.

> Għal aktar informazzjoni dwar l-ivvjaġġar barra mill-pajjiż bis-Pension Supplement, żur **servicesaustralia.gov.au/pensionsupplementtravel**

Tagħrif dwar il-pagamenti tiegħek

Int ser tirċievi 13-il-pagament regolari kull 4 erba' ġimgħat kull sena.

Kalendarju tal-ħlas tal-pensjoni ta' 4 ġimgħat – minn Ottubru 2026 sa Diċembru 2027		
Data meta ser noħorġu l-pagament tiegħek	**Id-data tad-depożitu dirett għandu jsir sa**	**Perjodu li jkopri l-ħlas**
15 ta' Ottubru 2026	21 ta' Ottubru 2026	mis-17 ta' Settembru sal-14 ta' Ottubru 2026
12 ta' Novembru 2026	18 ta' Novembru 2026	mill-15 ta' Ottubru sal-11 ta' Novembru 2026
10 ta' Diċembru 2026	16 ta' Diċembru 2026	mit-12 ta' Novembru sad-9 ta' Diċembru 2026
7 ta' Jannar 2027	13 ta' Jannar 2027	mill-10 ta' Diċembru 2026 sas-6 ta' Jannar 2027
4 ta' Frar 2027	10 ta' Frar 2027	mis-7 ta' Jannar sat-3 ta' Frar 2027
4 ta' Marzu 2027	10 ta' Marzu 2027	mill-4 ta' Frar sat-3 ta' Marzu 2027
1 ta' April 2027	7 ta' April 2027	mill-4 ta' Marzu sal-31 ta' Marzu 2027
29 ta' April 2027	5 ta' Mejju 2027	mill-1 ta' April sat-28 ta' April 2027
27 ta' Mejju 2027	2 ta' Ġunju 2027	mid-29 ta' April sas-26 ta' Mejju 2027
24 ta' Ġunju 2027	30 ta' Ġunju 2027	mis-27 ta' Mejju sat-23 ta' Ġunju 2027
22 ta' Lulju 2027	28 ta' Lulju 2027	mill-24 ta' Ġunju sal-21 ta' Lulju 2027
19 ta' Awwissu 2027	25 ta' Awwissu 2027	mit-22 ta' Lulju sat-18 ta' Awwissu 2027
16 ta' Settembru 2027	22 ta' Settembru 2027	mid-19 ta' Awwissu sal-15 ta' Settembru 2027
14 ta' Ottubru 2027	20 ta' Ottubru 2027	mis-16 ta' Settembru sat-13 ta' Ottubru 2027
11 ta' Novembru 2027	17 ta' Novembru 2027	mill-14 ta' Ottubru sal-10 ta' Novembru 2027
9 ta' Diċembru 2027	15 ta' Diċembru 2027	mill-11 ta' Novembru sat-8 ta' Diċembru 2027

Pagament ta' depożitu dirett fil-kont tal-bank

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi aħna nħallsu l-pensjonijiiet direttament fil-kontijiet bankarji. Aħna nħeġġukom li tużaw dan il-metodu ta' pagamenti għax hu sigur, ta' malajr u ta' min jorbot fuqu.

Ħlas permezz ta' depożitu dirett ġeneralment ikun disponibbli fil-kont bankarju nominat tiegħek fi żmien 2 sa 6 ijiem wara li nibagħtuh. **Vaganza pubblika fil-pajjiż tiegħek tista' iddewwmek milli tirċievi l-pagament tiegħek**. Jekk il-pagament tiegħek ma wasalx fi żmien 10t'ijiem minn meta ħareġ, iċċekkja mal-bank lokali tiegħek qabel ma tikkuntattjana.

Dati meta International Services ikunu magħluqin

Is-Servizzi Internazzjonali se jingħalqu fil-festi pubbliċi Awstraljani li ġejjin:	
Vaganza Pubblika ta' Jum il-Milied	Il-Ġimgħa, 25 ta' Diċembru 2026
Vaganza pubblika ta' Boxing Day	It-Tnejn, 28 ta' Diċembru 2026
Vaganza pubblika tas-Servizz Pubbliku	It-Tlieta, 29 ta' Diċembru 2026
Vaganza pubblika tal-Ewwel tas-Sena	Il-Ġimgħa, 1 ta' Jannar 2027
Vaganza pubblika ta' Jum l-Awstralja	It-Tlieta, 26 ta' Jannar 2027
Vaganza pubblika tal-Ġimgħa l-Kbira	Il-Ġimgħa, 26 ta' Marzu 2027
Vaganza pubblika tat-Tnejn ta' wara l-Għid	It-Tnejn, 29 ta' Marzu 2027
Vaganza pubblika ta' ANZAC Day	Il-Ħadd, 25 ta' April 2027

Ir-Rati

Ir-rati tal-pensjoni u l-limiti stipulati ta' barra l-Awstralja jerġgħu jiġi assessjati f'Jannar, Marzu, Lulju u Settembru kull sena.

Rati u limiti stipulati

Dawn iċ-ċifri f'dollari Awstraljan (A$) huma biss gwida u huma effettivi mill-20 ta' Settembru 2026 għajr meta jingħad mod ieħor.

Rati tal-pensjoni u limiti stipulati barra l-Awstralja	Persuna Waħidha	Koppja fejn it-tnejn huma eliġibbli	Koppja fejn sieħeb wieħed eliġibbli	Koppja separata minħabba l-mard
Kemm hi l-pensjoni [1, 2, 3, 4]	**Kull sena**	**Kull sena**	**Kull sena**	**Kull sena kull wieħed/waħda**
Rata bażika massima	A$29,520.40	A$44,506.80	A$22,253.40	A$29,520.40
Dħul Permissibbli [5,6]	**Persuna Waħidha**	**Flimkien**	**Flimkien**	**Flimkien**
Pensjoni Sħiħa	sa A$5,876.00	sa A$10,296.00	sa A$10,296.00	sa A$10,296.00
Pensjoni parzjali	Anqas minn A$64,916.80	Anqas minn A$99,309.60	Anqas minn A$99,309.60	Anqas minn A$128,377.60
Assi Permissibbli [7]	**Persuna Waħidha**	**Flimkien**	**Flimkien**	**Flimkien**
Pensjoni sħiħa — Sid id-Dar	A$333,000	A$499,000	A$499,000	A$499,000
Pensjoni sħiħa — Mhux sid ta' darek	A$600,000	A$766,000	A$766,000	A$766,000
Pensjoni parzjali – Sid ta' darek	Anqas minn A$711,500	Anqas minn A$1,070,000	Anqas minn A$1,070,000	Anqas minn A$1,256,000
Pensjoni parzjali — Mhux sid ta' darek	Anqas minn A$978,500	Anqas minn A$1,337,000	Anqas minn A$1,337,000	Anqas minn A$1,523,000
Ir-rati u l-limiti maħduma	**Persuna Waħidha**	**Flimkien**	**Flimkien**	**Flimkien**
Limiti stipulati	A$66,800	A$110,600	A$110,600	A$110,600
Rata taħt il-limitu stipulat	1.75%	1.75%	1.75%	1.75%
Rata 'l fuq mill-limitu stipulat	3.75%	3.75%	3.75%	3.75%

Dawn ir-rati japplikaw għall-klijenti li huma permanentement barra l-Awstralja jew neqsin mill-Awstralja għal aktar minn 12-il ġimgħa.

1. Aħna naħdmu r-rata tal-pagament skont it-testijiet tad-dħul u tal-assi. Aħna napplikaw it-test li jirriżulta fir-rata aktar baxxa jew ir-rata żero. Xi assi huma meqjusa li qed jaqilgħu d-dħul u hemm regoli speċjali għal tipi oħra ta' dħul. Jekk inti għama permanenti m'hemm l-ebda test tad-dħul jew tal-assi.
2. Xi klijenti għandhom mnejn jirċievu rata mnaqqsa tal-pensjoni bbażata fuq kemm kienu ilhom residenti Awstraljani.
3. Xi klijenti għandhom mnejn jirċievu rata tranżitorja ta' pensjoni ibbażata fuq ir-regoli tat-test tad-dħul ta' qabel l-20 ta' Settembru 2009. Għal dawn il-klijenti, aħna nikkomparaw ir-rata tranżitorja mar-rata kurrenti. Jekk ir-rata kurrenti hija l-istess jew ogħla minflok ser inħallsuk ir-rata kurrenti. Ladarba tirċievi r-rata kurrenti ma tistax tmur lura għar-rata tranżitorja.
4. Klijenti jistgħu jirċievu rata ogħla tal-Disability Support Pension (Pensjoni tad-Diżabilità) jekk għandhom anqas minn 21 sena u m'għandhomx tfal dipendenti. Għal aktar informazzjoni, żur **servicesaustralia.gov.au/dsp**
5. Dħul anqas minn A$226 kull ħmistax għal persuna waħedha u A$396 kull ħmistax għal koppja flimkien mhux ser jaffettwa r-rata tal-pensjoni. Dan jissejjaħ livell ta' qligħ eżentat. Għal kull dollaru aktar mill-livell ta' qligħ eżentat, aħna nnaqqsu r-rati b'A$0.50c għall-persuni waħidhom u A$0.25c kull wieħed għall-koppji. Il- livell ta' qligħ eżentat japplika wara kwalunkwe ammonti tal-Work Bonus. Għal aktar informazzjoni, żur **servicesaustralia.gov.au/income**
6. Il-Work Bonus jgħin klijenti eliġibbli biex jaqalgħu aktar flus mix-xogħol mingħajr ma jnaqqsu l-pensjoni tagħhom. Għal aktar informazzjoni, żur **servicesaustralia.gov.au/work-bonus.** Il-Work Bonus ma japplikax għar-rata tranżitorja tal-pensjoni.
7. Klijenti jista' jkollhom assi sa ċertu ammont mingħajr ma jaffettwawlhom il-pensjoni tagħhom. Dan jissejjaħ livell ta' assi eżentat. Hemm diversi livelli ta' assi eżentati li japplikaw skont l-istat tar-relazzjoni tal-klijent u jekk humiex sidien ta' darhom. Ara l-websajt tagħna għal lista sħiħa tal-livelli ta' assi eżentati. Għal kull A$1,000 ta' assi addizzjonali aktar mill-livell ta' assi eżentati, aħna nnaqqsu r-rati b'A$3 kull ħmistax għall-persuni waħedhom u A$1.50 kull ħmistax kull wieħed għall-koppji. Aħna ma ninkludux ċerti assi fit-test tal-assi. Għal aktar informazzjoni, żur **servicesaustralia.gov.au/assets**

Rati tal-kambju internazzjonali onlajn

Aħna nużaw id-dħul u l-assi tiegħek biex naħdmu l-ammont ta' ħlas li tirċievi. Jekk għandek assi jew dħul minn pajjiż ieħor, aħna se naħdmu l-valur tagħhom f'dollari Awstraljani billi nużaw ir-rati tal-kambju. Aħna nippubblikaw it-tagħrif tar-rata tal-kambju fuq il-websajt tagħna.

Biex tiċċekkja r-rati tal-kambju żur **servicesaustralia.gov.au/international**

Żomm ruħek aġġornat mar-rati u d-dati tal-ħlas tal-pensjoni

Għall-aħħar informazzjoni dwar ir-rati tal-pensjoni u d-dati tal-pagament barra mill-Awstralja, żur servicesaustralia.gov.au fittex għall-'payment rates outside Australia' (rati tal-pagament barra mill-Awstralja)'. Aħna naġġornaw ir-rati tal-pensjoni, u l-limiti stipulati tad-dħul u tal-assi fuq il-websajt tagħna hekk kif jinbidlu.

Din in-newsletter tinsab ukoll fil-websajt tagħna, żur **servicesaustralia.gov.au/customer/publications/int001**

Ċaħda
Il-Commonwealth of Australia ipprova jiżgura li t-tagħrif f'din il-pubblikazzjoni hu eżatt. Madankollu, il-Commonwealth ma jiggarntix li t-tagħrif hu preċiż jew sħiħ u l-anqas hu obbligat li jagħmel tajjeb għal xi telf li sofriet xi persuna għax qagħdet b'xi mod fuqu. Int għandek tikkuntattja lil Australian Government Services Australia (Services Australia tal-Gvern Awstraljan) għad-dettalji sħaħ dwar kwalunkwe intitolament u servizz li għandek mnejn tkun eliġibbli għalihom jew dwar kif kwalunkwe tibdil pendenti fil-leġislazzjoni, il-programmi jew is-servizzi għandhom mnejn jaffettwawk.

Kif tikkuntattjana

Għal informazzjoni dwar il-ħlas tiegħek u ħlasijiet u servizzi oħra, żur **servicesaustralia.gov.au**

Ċemplilna mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8 am u l-5 pm, ħin ta' Hobart.

Tista' tuża n-numri li jidhru fuq in-naħa opposta biex tikkuntattjana b'xejn minn pajjiżek. Dan is-servizz ta' telefonata b'xejn jista' ma jkunx disponibbli mill-postijiet kollha f'pajjiżek u jista' ma jkunx b'xejn jekk qed iċċempel minn mowbajl.

Jekk dan is-servizz mhuwiex disponibbli, jew int f'pajjiż li mhux fil-lista, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq **+61 3 6222 3455** (it-telefonati għal dan in-numru m'humiex b'xejn).

Tista' wkoll tibgħatilna fax fuq **+61 2 6124 8813**, jew iktbilna fuq:

Services Australia
Centrelink International Services
PO Box 7809
Canberra BC ACT 2610
Australia

Jekk jogħġbok inkludi ismek, is-Centrelink Customer Reference Number (in-Numru tar-Referenza tal-Klijent ta' Centrelink) u n-numru tiegħek tat-telefon mal-mistoqsija tiegħek.

Ċempel in-numru muri mingħajr kwalunkwe kodiċi internazzjonali jew tal-pajjiż qablu.

L-Awstrija	**0800 295 165**
Kanada	**1888 2557 493**
Ċina (tat-Tramuntana)*	**10 800 6100 427**
Ċina (ta' Nofsinhar)*	**10 800 2611 309**
Danimarka	**8088 3556**
Il-Ġermanja	**0800 180 2482**
Il-Greċja	**0080 0611 26209**
Indja	**000 800 61 01098**
Indoneżja	**001 803 61 035**
L-Irlanda	**1800 200 333**
L-Italja	**800 781 977**
Repubblika tal-Korea	**003 081 32326**
L-Olanda	**0800 0224 364**
New Zealand	**0800 441 248**
Filippini#	**1800 1611 0046**
Il-Polonja	**00 800 6111 220**
Il-Portugall	**800 861 122**
Singapore	**800 6167 015**
Spanja	**900 951 547**
It-Tajlandja	**001 800 611 4136**
It-Turkija	**00 800 6190 5703**
L-Emirati Għarab Magħquda	**800 061 04319**
Ir-Renju Unit	**0800 169 5865**
USA	**1866 3433 086**

* Iċ-Ċina (tat-Tramuntana) tinkludi l-provinċji ta' Beijing, Tianjin, Hebei, Shanxi, il-Mongolja, Heilongjiang, Liaoning, Jilin, Shandong u Henan. Aħna nqisu li l-provinċji l-oħra bħala Ċina (tan-Nofsinhar) għal din il-fini.

In-numru tat-telefonata b'xejn fil-Filippini huwa disponibbli biss minn linji fissi permezz tan-netwerk PLDT u min-netwerks mobbli Sun Cellular u Smart Mobile.

INT001MT.2610